-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 54

[Nhar il-Ħamis 6 t' April 2023]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5.30pm.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion – Viċi Sindku
Mario Azzopardi - Kunsillier
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jessica Borg - Kunsilliera
Alexander Zammit – Kunsillier
Ian Buhagiar- Kunsillier
Hugh Caruana- Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jeremy Cardona – Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 54.1 | Qari tal-ittri ta’ apoloġiji |
| 54.1.1 | Id-D.S.E informa li l-kunsillier J.Cardona talab biex ikun skużat. Kien hemm qbil illi jkun skużat peress illi kellu x-xogħol. |
| 53.8 | **Is-Sindku ssosspenda l-laqgħa sabiex tiġi approvata l-iskeda ta’ pagamenti tal-laqgħa preċedenti.** |
| 53.8.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi la ma kienx hemm kworum qabel ma ġiet approvata l-iskeda ta’ pagamenti fil-laqgħa preċedenti, ma sar l-ebda ħlas. Qal illi kien hemm mistoqsijiet illi ġew ċarati waqt l-aħħar laqgħa, izda jekk hemm oħrajn illi għandom jiġu ċċarati, il-kunsilliera għandom l-opportunita li jistaqsu issa. Dwar il-pagamenti dovut lejn il-Banda dik mhix se tiġi approvata peress illi kella tintbagħat lil Banda u mhux lill-Kunsill. |
| 53.8.2 | Il-kunsillier J.Borg ipproponiet li l-iskeda tiġi approvata. Il-kunsillier N.Chetcuti ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu. |
| 54.2 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti |
| 54.2.1 | Il-kunsillier A.Zammit qal illi waqt l-aħħar laqgħa ħass illi kien hemm thedida u xtaq jesprima ruħhu. Qal illi jifhem illi fil-mument seta kien il-każ illi intqal kliem b’ras sħuna u mhux li kien hemm intenzjoni li jkun hemm thedida u talab illi din tkun ċċarata sabiex dik il-problema tintemm issa.<br>Is-Sindku iddikjara li l-kliem illi intqal kienu fis-saħħa tal-mument u ma kien hemm l-ebda thedida lejn ħadd. |
| 54.2.2 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsillier J.Cardona bagħat illi hu telaq waqt l-aħħar laqgħa għalhiex iċ-Chairperson kien qal illi l-laqgħa intemmet. |
| 54.2.3 | Il-kunsillier A.Zammit ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier N.Chetcuti ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu. |
| 54.3 | Korrespondenza mas-Sindku |
| 54.3.1 | Kien hemm talba mingħand il-Grands sabiex isir ‘hatched area’ barra l-hotel. Il-Kunsill talab illi jibagħtu site plan ta’ fejn qed tiġi proposta. Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li tintbagħat ukoll talba sabiex jipprovdu madwar 20 postijiet ta’ parkeġġ għar-residenti. |
| 54.3.2 | Kien hemm qbil mat-talba sabiex isir Tower Crane ġewwa triq Stuart |

| | |
|---|---|
| 54.3.3<br><br>54.3.4<br><br>54.3.5<br><br>54.3.6<br><br>54.3.7<br><br>54.3.8 | Kien hemm talba biex isir Tower Crane u hoarding ġewwa triq Nazzju Ellul. F’dan il-każ id-D.S.E qal illi l-kuntrattur għandu jiċċara ezatt fejn se ssir it-Tower Crane.<br><br>Kien hemm talba biex isiru bollards ġewwa triq l-Imsida. Id-D.S.E fakkar illi t-TM għandom jaqblu ma’ proposti bħal din.<br><br>Kien hemm talba mingħand kumpanija li jikru rotti sabiex jużaw parti minn bankina sabiex tintuża biex jagħtu izjed informazzjoni fuq is-servizz tagħhom. Intalab illi jibagħtu izjed informazzjoni.<br><br>Kien hemm qbil illi l-Kunsill jipprovdi mats għall-sports day tal-iskola fejn talli fondi se jintużaw minn dawk tar-Reġjun Lvant.<br><br>Is-Sindku qal illi saret ċerimonja żgħira għall-Pelin, it-tfajla li traġikament tilfet ħajjitha f’Jannar, u qalet illi l-familja bagħtu ringrazzjament lejn il-Kunsill għall-appoġġ.<br><br>Kien hemm qbil illi l-Kunsill jieħu ħsieb manutenzjoni tal-librerija taħt l-iskema li ħarġet mingħand id-DLG fejn il-Kunsill se jara x’tip ta’ interventi hemm bzonn. |
| **54.4**<br><br>54.4.1 | **Mistoqsijiet tal-kunsilliera**<br><br>Ma kien hemm l-ebda mistoqsija |
| **54.5**<br><br>54.5.1 | **Rapporti**<br><br>Ma kien hemm l-ebda rapporti |
| **54.6**<br><br>54.6.1<br><br>54.6.2<br><br>54.6.3 | ***Items* oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**<br><br>Il-kunsillier H.Caruana qal illi ma sar l-ebda infurzar fuq l-imwejjed u siġġijiet li hemm f’postijiet pubbliċi madwar il-lokalita, waqt illi hemm ħanut tal-ħaxix illi għadu qed juża post pubbliku bl-affarijiet tiegħu wara diversi snin. Qed jirreferi għal dak illi ibigħ ix-Xatt kantuniera ma triq Ponsomby.<br><br>Il-kunsilliera J.Borg staqsiet jekk hemm updates rigward ix-xogħolijiet max-Xatt. Id-D.S.E qal illi kien tkellem mall-MTA.<br><br>Il-kunsillier H.Caruana staqsa għall-update rigward triq Manoel de Vilhena. Is-Sindku informa li ġew 2 Ministri u hu ġie avżat fl-aħħar sekonda. Żied illi intbagħat ittra lil-Prim Ministru biex ikun jaf dwar l-urġenza sabiex isir ix-xogħol sall-festa. Il-kunsillier A.Zammit staqsa jekk se tkun lesta sa Ġunju. Is-Sindku qal illi l-parti t’isfel għanda tkun lesta sa dak iz-zmien. |

| | |
|---|---|
| 54.6.4 | Il-Viċi Sindku staqsa dwar kameras ġewwa Meme Scicluna u meta se jsirU. Is-Sindku qal kellom isiru mall-proġett. Dwar il-proġett, intbagħatet lill-Planning u hemm bzonn naraw fejn wassalna.<br><br>**Fis-18:07 is-Sindku ssospenda l-laqgħa mall-wasla ta' periti li qegħdin jieħdu ħsieb il-proġett ta' Mercury Towers.** |
| 54.6.5 | Il-Perit għamlu talba għal No Objection minn naħa tal-Kunsill sabiex jibdew ix-xogħolijiet. Taw preżentazzjoni qasira u kien hemm qbil mill-Kunsill li tintbagħat No Objection.<br><br>**Il-periti telqu fis-18:20** |
| 54.6.6 | Il-Viċi Sindku qal illi hemm bzonn magna oħra tal-BCRS. |
| 54.6.7 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi l-aħħar pjanti għal triq Sliema qed jiġu ppreparati. |
| 54.6.8 | Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi ħarġet permess ftit t'ijiem qabel il-laqgħa ġewwa triq Nazju Ellul sabiex wieħed iħalli 'food truck' u dan baqa għaddej bil-mużika, storbju u għajjat sa tard bi-lejl. Għamel talba sabiex dawn il-permessi ma joħorġux sa tard bil-lejl. |
| 54.6.9 | Id-D.S.E staqsa min se jkun parti mill-Bord tal-evalwazzjoni għat-tender tal-Landscaping. Kien hemm qbil illi jkun hemm perit izda għad m'hemmx knferma fuq il-bord kollu. |
| 54.6.10 | Id-D.S.E qal illi saru intervisti għall-pożizzjoni ta' Clerk izda se jkomplu b'izjed intervisti la l-bord ma ħadux deċiżjoni fuq dawk illi applikaw. |
| 54.6.11 | Id-D.S.E qal illi sfortunatament l-Unaudited Financial Statements għadom ma sarux. Dan għalhiex l-accountant il-ġdid kellu jibda l-inputting tal-accounts għas-sena 2022 fix-xahar ta' Novembru/Diċembru. B'hekk jista jkun illi tissejjaħ laqgħa urġenti meta dawn jiġu ppreżentati għalhiex l-audit għanda tibda nhar it-Tnejn 24 ta' April. |
| 54.6.12 | Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa dwar update għall-pożizzjoni ta' impjieg għall-persuna b'diżabilita mall-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qed jistenna risposta mid-DLG. |
| **54.7** | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| 54.7.1 | Dwar in-numru 44 din l-invoice kella tintbagħat lil banda u mhux il-Kunsill. |
| 54.7.2 | Kien hemm talba sabiex xiri mingħand Ironmongers isir ġewwa l-Gzira u mhux lokalitajiet oħra. |
| 54.7.3 | Il-Viċi Sindku ppropona li l-iskeda ta' pagamenti tiġi approvata. Il-kunsillier J.Borg issekondatu. Kien hemm qbil. |

| | |
|---|---|
| **54.8** | . **Mozzjoni** |
| 54.8.1 | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni. |
| **54.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 54.9.1 | Il-laqgha intemmet ghall-habta ta' 7.35pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar il-Tlieta 9 ta' Mejju 2023 |

Konfermati, illum nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2023

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Anthony Attard
Dep. Segretarju Eżekuttiv